## 23 ta' Jannar, 1956.

## Imħallef:
## Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Helen Zammit Psaila et. *versus* Luqa Ellul

## Ċitazzjoni — Dikjarazzjonijiet — Interess

*Jekk fond jinbiegħ bħala suġġett għal dritt ta' passaġġ, u l-venditur in segwitu jagħmel kawża biex jiġi dikjarat li dak id-dritt ta' passaġġ ma jeżistix, mhix attendibbli l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens illi ċ-ċitazzjoni jmissha saret biex jiġi mpunjat il-kuntratt tal-bejgħ, u mhux sempliċement biex jiġi dikjarat illi l-fond mibjugħ ma jgawdix dak id-dritt ta' passaġġ.*

*Huwa veru li dik id-dikjarazzjoni ma tkun tfisser xejn sakemm il-kuntratt jibqa' kif inhu; imma dan ma jfisserx illi t-talba għal dik id-dikjarazzjoni saret ħażin, għax dik id-dikjarazzjoni tidher li hija pre-ordinata għal kawża oħra li tista' ssir il-quddiem jekk tiġi milqugħa t-talba għal dik id-dikjarazzjoni, jiġifieri li hija pre-ordinata għall-kawża ta' impunjazzjoni tal-kuntratt.*

*U dana jista' jsir; għaliex fil-ġurisprudenza jinsab stabbilit li mhumiex projbiti fid-Dritt Proċedurali domandi għal dikjarazzjonijiet li jkunu preordinati għal kawża oħra, avvolja d-dritt ma jkunx jista' jiġi dedott attwalment, imma fil-futur. Biss, il-Qorti trid tkun soddisfatta li l-attur għandu nteress jitlob dik id-dikjarazzjoni bħala formanti l-bażi tal-*

*kawża l-oħra li ssir il-quddiem; liema nteress ma għandux ikun ipotetiku, imma konkret, u jrid ikun jissussisti di fronti għall-konvenut li ġie magħżul bħala leġittmu kontradittur tad-domanda.*

*Għaldaqstant, id-domanda biex jiġi dikjarat li l-fond mibjugħ mhuwiex suġġett għad-dritt ta' passaġġ kif jinsab indikat fil-kuntratt tal-bejgħ, mingħajr id-domanda għall-impunjazzjoni tal-istess kuntratt, tista' tkun ta' riżultament utili għall-attur, jekk tiġi milqugħa mill-Qorti, għax hija pre-ordinata għall-kawża l-oħra tal-impunjazzjoni tal-kuntratt. Dak li jista' jingħad hu li l-attur seta' mill-ewwel ġieb il-quddiem l-azzjoni għall-impujazzjoni tal-kuntratt; imma din iċ-ċirkustanza tista' tinfluwixxi fuq il-kap tal-ispejjeż tal-kawża l-oħra li tista' ssir il-quddiem, skond ma jkun l-eżitu ta' dik il-kawża, u ma ġġibx li d-domanda għas-sempliċi dikjarazzjoni hija inutili jew saret ħażin.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi b'kuntratt publikat minn Nutar Giovanni Carmelo Chapelle fl-20 ta' Lulju 1950 il-konvenut xtara minn għand Andreana Zammit, il-lum mejta, u li tagħha huma eredi, il-għalqa msemmija "tal-Menglin", kuntrada "tal-Garmien", limiti ta' Ħal Safi (dok. A); u illi dik l-għalqa ġiet deskritta bħala għandha d-dritt tal-passaġġ, bir-riġel u bil-karrettun għal ġo trieq publika li mill-"Bakkari" tieħu għal Ħal Safi, mentri fil-fatt dik l-għalqa ma tgawdix id-dritt tal-passaġġ fuq imsemmi, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż illi l-għalqa fuq imsemmija, mibjugħa lill-konvenut, ma tgawdix dan id-dritt tal-passaġġ fuq imsemmi, non ostante li tinsab hekk deskritta fil-kuntratt ta' bejgħ fuq indikat. Bl-ispejjeż. Il-konvenut ġie nġunt sabiex jidher għas-subizzjoni;

***Omissis;***

**Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi l-atturi ppreżentaw din il-kawża wara li kien għadda ż-żmien lilhom mogħti biex jippreżentawha, u għalhekk ma jistax ikollha ebda effett; illi, mingħajr preġudizzju tal-premess, din iċ-ċitazzjoni kien imissha saret biex**

jiġi mpunjat il-kuntratt publikat minn Nutar Giovanni Carmelo Chapelle fl-20 ta' Lulju 1960, u mhux biex jiġi dikjarat illi l-għalqa "de qua" ma tgawdix id-dritt tal-passaġġ imsemmi fl-istess kuntratt; illi fil-fatt l-imsemmi dritt ta' passaġġ ġie kostitwit fl-imsemmi kuntratt tal-20 ta' Lulfliu 1950, u l-prezz ġie regolat in vista ta' l-istess passaġġ. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li b'kuntratt tal-20 ta' Lulju 1950, fl-atti tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle, Salvatore Zammit Psaila bħala prokuratur ġenerali ta' oħtu Andreana Zammit biegħ u ttrasferixxa lill-konvenut il-għalqa msemmija fiċ-ċitazzjoni, u deskritta bħala illi għandha, fost ħwejjeġ oħra, id-dritt tal-passaġġ bir-riġel u bil-karrettun għal ġo trieq publika li mil-"Bakkari" tieħu għal Ħal Safi. Andreana Zammit mietet, u ħalliet werrieta tagħha ż-żewġ attriċi, neputijiet tagħha. Dawn irrifjutaw li jirrikonoxxu lill-konvenut id-dritt tal-passaġġ fuq imsemmi. B'ċitazzjoni numru 384/53 il-konvenut talab, fil-kontestazzjoni tal-imsemmijin żewġ attriċi, illi jiġi dikjarat illi huwa għandu d-dritt għal dak il-passaġġ, u konsegwentement illi ż-żewġ attriċi jiġu inibiti illi jostakolawlu l-imsemmi dritt ta' passaġġ. B'digriet tal-15 ta' Gunju 1953, fuq talba taż-żewġ attriċi, ġiet minn dina l-Qorti ordnata s-soprassessjoni f'dik il-kawża, u ġie mogħti lilhom żmien xahar biex fih, jekk kien jidhrilhom, jiddeduċu quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa biex jimpunjaw il-kuntratt fuq imsemmi; u għalhekk dik il-kawża ġiet differita "sine die", riappuntabbli b'rikors tal-interessati, jew wara li jgħaddi inutilment it-terminu fuq prefiss jew wara d-definizzjoni tal-kawża li tkun ġiet proposta. Uniformement għall-fakoltà mogħtija lilhom b'dak id-digriet, l-atturi ġew il-quddiem b'din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni ma hemmx bżonn li tittieħed f'konsiderazzjoni, għaliex il-konvenut, kif ġie verbalizzat

fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 1955, ma baqgħax jinsisti għaliha;

Illi, rigward it-tieni eċċezzjoni, hu veru illi, kif jissottometti l-konvenut, id-dikjarazzjoni mitluba mill-attriċi ma tkun tfisser xejn kemm il-darba l-kuntratt jibqa' kif inhu; imma dan ma jfisserx bilfors illi t-talba saret ħażin mill-atturi, li minflok kien imisshom jitolbu l-impunjazzjoni ta' dak il-kuntratt. Għalkemm ma jingħadx espressament, id-dikjarazzjoni mitluba mill-atturi tidher li hija pre-ordinata għal kawża oħra li tista' ssir il-quddiem, jekk tiġi milqugħa t-talba odjerna tagħhom, jew dik appuntu għall-impunjazzjoni tal-imsemmi kuntratt. U dan jista' jsir, għaliex fil-ġurisprudenza ġie stabbilit illi mhumiex projbiti fid-Dritt Proċedurali domandi għal dikjarazzjonijiet li jkunu preordinati għal kawża oħra, għalkemm dak id-dritt ma jkunx jista' jiġi dedott attwalment, imma fil-futur (Vol. XVII-I-118; XXVIII-III-1206);

Però, il-Qorti għandha tkun persważa illi hemm dak l-interess, u għalhekk dik id-dikjarazzjoni mitluba tkun qegħdha tifforma l-bażi ta' kawża oħra li ssir fil-futur; liema nteress ma għandux ikun ipotetiku, imma konkret, u għandu jissussisti di fronti għall-konvenut li hu magħżul bħala leġittimu kontradittur tad-domanda (Kollez. Vol. XVII-III-15; XXVI-I-439; XXVII-I-495). U għalkemm ma jidherx biżżejjed illi l-kawża għall-impunjazzjoni tal-kuntratt ma tistax issir attwalment, jidher soddisfaċentement illi l-atturi għandhom l-imsemmi nteress, li hu konkret u jissussisti di fronti għall-konvenut;

Il-konvenut jissottometti illi d-dikjarazzjoni mitluba mill-atturi hi inutili, u ma tipproduċi ebda riżultament sakemm ma jiġix impunjat dak il-kuntratt, għaliex b'dik id-dikjarazzjoni b'kollox ikun jibqa' dejjem illi l-awtriċi tal-atturi, bil-kuntratt ġa msemmi, biegħetlu l-għalqa bid-dgawdija ta' dak id-dritt tal-passaġġ. B'mod illi sakemm ma jaqgħax dak il-kuntratt, almenu rigward dak id-dritt, il-konvenut jibqa' fid-dritt li jgawdi minn dan il-passaġġ. Imma ma jidherx illi d-dikjarazzjoni mitluba mill-attriċi, meta tiġi mifhema kif għandha tkun u kif verament iriduha

l-istess atturi, hi superfluwa jew inutili. Kienet tkun tali kieku l-istess kienet tinkorpora fatt li ma hu bl-ebda mod kontestat mill-konvenut, u b'hekk ebda riżultament utili ma kienet tista' ġġib lill-atturi; u f'każ bħal dan il-Qorti, mingħajr *ebda talba tal-konvenut,* ma kienetx tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha (Vol. XXXII-II-280). Għall-kuntrarju, dik id-dikjarazzjoni, għar-raġunijiet kif verament tinsab mitluba mill-atturi, kif sejjer jingħad, tista' tkun ta' riżultament wisq utili għall-atturi, jekk tiġi milqugħa minn dina l-Qorti. Dak li jista' jingħad hu illi l-atturi jidher li setgħu mill-ewwel *iġibu l-quddiem* l-azzjoni għall-impunjazzjoni tal-imsemmi kuntratt; anzi kien imisshom għamlu hekk, għaliex id-digriet tas-soprassessjoni fil-kawża l-oħra ġie mogħti appuntu biex huma jiddeduċu l-azzjoni meħtieġa "biex jimpunjaw il-kuntratt fuq imsemmi", u dak id-digriet ġie mogħti fuq talba tagħhom "biex ikunu jistgħu jimpunjaw dak il-kuntratt" (v. fol. 11 ta' dak il-proċess). Imma, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, din iċ-ċirkustanza tkun tista' tinfluwixxi fuq il-kap tal-ispejjeż tal-kawża l-oħra li tista' tinġieb il-quddiem, skond ma jkun l-eżitu ta' din il-kawża;

Illi għalhekk id-dikjarazzjoni mitluba mill-atturi għandha titqies illi hi pre-ordinata għal kawża oħra, dik tal-impunjazzjoni *tal-imsemmi* kuntratt, fis-sens li l-atturi f'din il-kawża qegħdin jippretendu illi l-għalqa ġiet deskritta kif imsemmi f'dak il-kuntratt, għal dak li jirrigwarda d-dgawdija ta' dak il-passaġġ, għaliex il-konvenut b'ingann induċa lill-mandatarju tal-awtriċi tagħhom fi żball biex jagħmel dik id-deskrizzjoni. B'dan il-mod, it-talba tal-atturi tpoġġi fuq il-kawżali li l-konvenut b'ingann induċa lil min xtara minn għandu biex jagħmel dik id-deskrizzjoni tal-għalqa kif indikata fil-kuntratt. Għalkemm dan ma jirriżultax espressament fil-kawżali taċ-ċitazzjoni, l-istess jirriżulta......;

Illi fis-sens fuq imsemmi l-atturi jippretendu illi Salvatore Zammit Psaila, mandatarju ta' l-awtriċi tagħhom Andreana Zammit, *ġie ndott fi żball mill-konvenut,* billi dan ingannah meta biegħlu dik il-għalqa bid-dritt ta' passaġġ diversi drabi msemmi. Fil-fatt Salvatore Zammit Psaila xehed illi huwa biegħ lill-konvenut dik l-għalqa b'dak id-

dritt ta' passaġġ għaliex missier il-konvenut, wara diskussjoni fuq daqshekk fil-ħin tar-riċeviment tal-kuntratt, u wara illi n-nutar qagħad jistenna l-eżitu ta' dik id-diskussjoni, kien ipperswadieh illi l-għalqa kellha d-dritt għal dak il-passaġġ. Ix-xhieda ta' Salvatore Zammit Psaila kienet kontraddetta minn Francesco Ellul... In-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle, li rċieva u ppublika l-kuntratt, jgħid illi hu ma għandux idea li kien hemm xi diskussjoni...... F'dawn iċ-ċirkustanzi, mingħajr ma ssir ebda indaġini oħra li setgħet tkun meħtieġa in meritu għat-talba tal-atturi kieku rriżulta illi effettivament saret xi diskussjoni fuq dak il-passaġġ waqt illi kien qiegħed isir il-kuntratt, kif ukoll mingħajr ma jsir ebda komment dwar il-fatt riżultat mill-istess xhieda ta' Salvatore Zammit Psaila, fis-sens li fil-każ l-ingann, kieku rriżulta illi sar, ġie kommess, mhux mill-konvenut, imma minn missieru, jingħad illi t-talba tal-atturi ma tistax tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, wara li tirrespinġi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjeż relattivi mingħajr taxxa bejn il-kontendenti, tirrespinġi t-talba tal-atturi, bl- ispejjeż kontra tagħhom.